



STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 51/26

Il-Lussemburgu, l-14 ta' April 2026

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-418/24 | [Obadal] ¹

Kuntratti għal żmien determinat suċċessivi: il-miżuri previsti fi Spanja biex jiġi ssanzjonat l-użu abbużiv ta' tagħhom fis-settur pubbliku ma jidhrux li huma konformi mad-dritt tal-Unjoni

F'din il-kawża għal deċiżjoni preliminari, il-Qorti tal-Ġustizzja ttiprovdi lill-Qorti Suprema Spanjola bi kjarifiki dwar il-konformità mad-dritt tal-Unjoni tal-miżuri previsti fi Spanja biex jiġu indirizzati l-abbużi li jirriżultaw mill-użu ta' kuntratti għal żmien determinat suċċessivi fis-settur pubbliku. Il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li dawn il-miżuri (it-trasformazzjoni ta' dawn il-kuntratti f'"relazzjoni ta' impjeg għal żmien indeterminat mhux permanenti"; il-ħlas ta' kumpens lill-ħaddiem mat-terminazzjoni tar-relazzjoni ta' xogħol; is-sistema ta' responsabbiltà tal-amministrazzjonijiet pubbliċi u l-organizzazzjoni ta' proċeduri ta' selezzjoni li jieħdu inkunsiderazzjoni l-esperjenza preċedenti tal-ħaddiem kif ukoll iż-żmien ta' servizz iddedikat minnu għat-twettiq tal-kompiti tiegħu) ma jidhrux li jippermettu la li dan l-użu abbużiv jiġi ssanzjonat b'mod xieraq u lanqas li jitneħħew il-konsegwenzi tal-ksur tad-dritt tal-Unjoni.

Ħaddiema ilha teżerċita funzjonijiet ta' kustodja tat-tfal bħala membru tal-persunal bil-kuntratt minn Marzu 2016 f'ċentru edukattiv pubbliku dipendenti fuq il-Komunità Awtonoma ta' Madrid (Spanja). Ir-relazzjoni ta' xogħol tagħha kienet ibbażata fuq sitt kuntratti għal żmien determinat suċċessivi, kollha intiżi biex ikopru pożizzjoni vakanti jew biex jissostitwixxu ħaddiem.

Il-Qorti Spanjola kklassifikat ir-relazzjoni ta' xogħol tagħha bħala "relazzjoni ta' impjeg għal żmien indeterminat mhux permanenti", minħabba li l-kuntratti għal żmien determinat suċċessivi tagħha kienu s-suġġett ta' użu abbużiv. Dan ifisser li l-ħaddiema ser tinżamm fil-post tax-xogħol tagħha sakemm dan jimtela b'mod definittiv permezz ta' proċedura ta' selezzjoni ² u li hija ser tirċievi kumpens mat-terminazzjoni tar-relazzjoni ta' xogħol tagħha. Il-ħaddiema titlob lill-Qorti Suprema Spanjola li r-relazzjoni ta' impjeg tagħha tiġi ddikjarata permanenti.

Din il-qorti tirrileva li l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet dwar l-obbligi li jirriżultaw mill-klawżola 5 tal-Ftehim Qafas dwar ix-xogħol għal żmien determinat ³ f'sentenza tal-2024 ⁴. L-għan ta' din il-klawżola huwa li tipprevjeni l-abbużi li jirriżultaw mill-użu ta' kuntratti jew ta' relazzjonijiet ta' xogħol għal żmien determinat suċċessivi. Issa, din is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja kienet is-suġġett ta' applikazzjoni diverġenti mill-qrati Spanjoli. Skont il-Qorti Suprema Spanjola, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tiċċara jekk il-leġiżlazzjoni u l-ġurisprudenza nazzjonali dwar il-kunċett ta' "relazzjoni ta' impjeg għal żmien indeterminat mhux permanenti" humiex konformi mar-rekwiżiti li jirriżultaw mill-klawżola 5 tal-Ftehim Qafas, jiġifieri jekk fihomx miżuri adegwati biex jissanzjonaw dan l-abbuż fis-settur pubbliku.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar qabel kollox li ma huwiex il-kompitu tagħha li tiddeċiedi dwar l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-dritt intern, peress li dan il-kompitu jaqa' fuq il-qrati nazzjonali kompetenti. **Għalhekk, hija l-Qorti Suprema Spanjola li għandha tevalwa jekk il-miżuri previsti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali jissanzjonawx debitament l-użu abbużiv ta' kuntratti jew ta' relazzjonijiet ta' xogħol għal żmien determinat suċċessivi fis-settur pubbliku u jekk jippermettux li jitneħħew il-konsegwenzi tal-ksur tad-dritt tal-Unjoni.**

Madankollu, **il-Qorti tal-Ġustizzja tagħmel preċiżazzjonijiet** biex tiggwida lill-Qorti Suprema Spanjola fl-evalwazzjoni

tagħha.

Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, **it-trasformazzjoni ta' kuntratti għal żmien determinat suċċessivi f' "relazzjoni ta' impjieg għal żmien indeterminat mhux permanenti" ma tikkostitwixxix miżura xierqa biex jiġu ssanzjonati debitament l-abbużi.** Fil-fatt, din il-miżura twassal biex tinżamm relazzjoni ta' xogħol ta' natura temporanja u għalhekk is-sitwazzjoni ta' prekarjetà tal-ħaddiem ikkonċernat, filwaqt li **l-benefiċċju tal-istabbiltà tal-impjieg huwa kkonċepit bħala element maġġuri tal-protezzjoni tal-ħaddiema.**

Sussegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li **l-kumpensi previsti** mil-leġiżlazzjoni nazzjonali, li jitħallsu mat-terminazzjoni tar-relazzjoni ta' xogħol u li huma suġġetti għal **limitu massimu doppju** ⁵, ma jidhrux **li huma ta' natura li jneħħu l-konsegwenzi tal-ksur tad-dritt tal-Unjoni fis-sitwazzjonijiet kollha ta' użu abbużiv ta' kuntratti għal żmien determinat suċċessivi** ⁶.

Barra minn hekk, fir-rigward tas-**sistema ta' responsabbiltà tal-amministrazzjonijiet pubbliċi**, il-Qorti tal-Ġustizzja tirrileva li tali sistema **ma tikkostitwixxix miżura adegwata** fis-sens tal-klawżola 5, **meta tkun ta' natura ambigwa, astratta u imprevedibbli u ma tkunx akkumpanjata** b'miżuri effettivi, dissważivi u proporzjonati oħra li jippermettu li jitħassru l-konsegwenzi tal-ksur tad-dritt tal-Unjoni. **Hija l-Qorti Suprema Spanjola li għandha tivverifika**, minn naħa, jekk is-sistema ta' responsabbiltà prevista fid-dritt Spanjol hijiex ibbażata fuq dispożizzjonijiet nazzjonali preċiżi, prevedibbli u applikabbli fil-prattika, b'tali mod li tippermetti li tiġi ssanzjonata debitament l-amministrazzjoni pubblika kkonċernata, u, min-naħa l-oħra, jekk hijiex akkumpanjata minn dan it-tip ta' miżuri.

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li **lanqas ma tikkostitwixxi miżura adegwata** għall-prevenzjoni u għas-sanzjonar tal-abbużi **l-organizzazzjoni ta' proċeduri ta' selezzjoni** li, filwaqt li jieħdu inkunsiderazzjoni l-esperjenza preċedenti tal-ħaddiem ikkonċernat u ż-żmien ta' servizz iddedikat minnu għall-eżekuzzjoni tal-kompiti tiegħu, **ma jillimitawx dan it-teħid inkunsiderazzjoni għall-kandidati li kienu vittmi ta' tali abbużi.** Fil-fatt, qabel kollox, jista' jkun li l-ħaddiem ikkonċernat ma jipparteċipax fil-proċedura ta' selezzjoni, jew li l-kandidatura tiegħu ma tiġix aċċettata. Barra minn hekk, mingħajr preġudizzju għal verifika li għandha ssir mill-Qorti Suprema Spanjola, it-teħid inkunsiderazzjoni tal-esperjenza u taż-żmien ta' servizz imsemmija jidher li jibbenefika lill-ħaddiema kollha għal żmien determinat li għandhom tali esperjenza, inklużi dawk li ma kienu vittmi ta' tali abbuż.

NOTA: Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qrati tal-Istati Membri fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qrati nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ u, fejn applikabbli, is-sunt](#) tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355.

Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106.

Ibqgħu konnessi!



¹ L-isem ta' din il-kawża huwa fittizju. Dan l-isem ma jikkorrispondi għall-isem reali ta' ebda waħda mill-partijiet fil-proċedura.

² Il-Qorti Suprema Spanjola tippreċiża li r-rikonossiment tal-istatus ta' "ħaddiem permanenti" fis-settur pubbliku huwa limitat għall-persuni li jaċċedu għall-impjieg pubbliku wara li jkun għaddew b'suċċess minn proċedura ta' selezzjoni konformement mal-prinċipji ta' ugwaljanza, ta' mertu u ta' kapaċità, kif previsti fil-Kostituzzjoni Spanjola, kif ukoll mal-prinċipji ta' ugwaljanza u ta' nondiskriminazzjoni, stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

³ Il-klawżola 5 tal-Ftehim Qafas dwar xogħol għal żmien fiss, konkluż fit-18 ta' Marzu 1999, li jinsab fl-Anness tad-[Direttiva tal-Kunsill 1999/70/KE](#) tat-28 ta'

Ġunju 1999 dwar il-ftehim qafas dwar xogħol għal żmien fiss konkluż mill-ETUC, mill-UNICE u miċ-CEEP.

⁴ Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-22 ta' Frar 2024, *Consejería de Presidencia, Justicia e Interior de la Comunidad de Madrid et*, [C-59/22, C-110/22 u C-159/22](#).

⁵ Jiġifieri, il-limitu ta' 20 jum ta' remunerazzjoni għal kull sena ta' servizz u l-limitu ta' 12-il menswalità fil-każ tal-ewwel, u ta' 33 jum ta' remunerazzjoni għal kull sena ta' servizz, b'limitu ta' 24 xahar għat-tieni.

⁶ Fil-fatt, tali kumpens la jista' jikkostitwixxi kumpens proporzjonat u effettiv għal sitwazzjonijiet ta' abbuż li jaqbżu ċertu tul f'termini ta' snin, u lanqas kumpens adegwat u sħiħ għad-danni li jirriżultaw minn tali abbuż. Barra minn hekk, peress li tali kumpens jiġihallas biss fil-mument tat-terminazzjoni tar-relazzjoni ta' xogħol minħabba t-tmiem tal-proċedura ta' selezzjoni, il-ħlas tiegħu ma jidherx li huwa xieraq biex jirrimedja effettivament il-każijiet ta' abbuż kollha, bħal dawk tal-ħaddiema li jirtiraw, jirriżenjaw jew jitkeċċew qabel it-tmiem tal-proċedura ta' selezzjoni.